# DUĦĦAN....

Kont qiegħed fit-tieqa, nistrieħ ftit mill-ħedma,
Għaddejja rajt xebba, minn dawk ta' da' ż-żmien,
Mirquma, fuq tagħha, minfuħa bi ġmielha,
Iżebbġu għajnejha l-hawn l-hinn bla serħien.

Mehmuża f'sidirha rajt warda sabiħa,
Ta' lewn aħmar mieles, li jixbaħ lid-demm,
Xofftejha lewn qrolla, tuffiħa ħaddejha,
'Ma l-lewn kien qarrieqi, għajn ħanja ta' semm!

Fil-ħin għadda raġel, li lemaħ ix-xebba,
W b'ħarsa mistgħaġba w ta' hena fil-ħin,
"Xi ġmiel", qal u baqa' bil-ħarsa ta' qabel,
Nies oħra dlonk semgħu w ħarsu weqfin.

Ix-xebba aktar tkabbret u qamet fuq tagħha,
Ir-raġel intebaħ bil-qerq li kien sar,
"Mhux lilek", qalilha, "lil warda għedt sabiħa".
Dlonk għabet ix-xebba, li ħmaret bħan-nar!

Dun Pietru Pawl Grima